MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Numru 402/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**Vs**

**Geoffrey Spiteri**
**Kenneth Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Geoffrey Spiteri** ta' sitta u tletin (36) sena, bin Emanuel u Salvina neè Abela, imwieled Pietà fl-14 ta' April, 1976, residenti "Maple Leaf" Flat 1, Triq San Pawl, Dingli, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 221176 (M) u ta' **Kenneth Gauci** ta' sitta u tletin (36) sena, bin Vince u Stella neè Galea, imwieled Pieta fil-15 ta' Ottubru 1976, residenti 52, Triq San Pawl, Dingli u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 558476 (M), talli nhar is-26 ta' April 2013 u fis-snin

ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, flimkien ma' persuni ohra li ghadhom mhux maghrufa, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'riszoluzzjoni wahda, u cioè:

1. Talli fl-istess dati hawn fuq imsemmija, ikkommettew serq ta' hut minn abbord opra tal-bahar bl-isem Melita 4 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-persuna, u sar ghad-detriment ta' MFF Ltd u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi xjentement b'kull mod li jkun, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur, senjatament l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati markati Dok. "CP1" u Dok. "CP2", id-Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd ghal Parir Legali taz-zewg imputati markati Dok. "CP3" u Dok. "CP4" u l-fedini penali taz-zewg imputati;

Rat illi l-imputati wiegbu li huma hatja ta' l-ewwel akkuza kif dedotta fil-konfront taghhom u rat id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li t-tieni akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputati hija alternattiva ghall-ewwel akkuza dedotta fil-konfront taghhom;

L-imputati ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw it-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti

Istruttorja ghal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista’ tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta’ l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li t-tieni akkuza dedotta kontra l-imputati hija alternattiva ghall-ewwel akkuza dedotta fil-konfront taghhom u fid-dawl ta’ l-ammissjoni taz-zewg imputati ghall-ewwel akkuza dedotta fil-konfront taghhom il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta kontra lill-imputati, issib liz-**zewg imputati** hatja ta’ l-ewwel akkuza kif dedotta fil-konfront taghhom.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri izda hadet in konsiderazzjoni wkoll il-gravità tar-reat minnom ammess kif ukoll il-fatt li dan huwa reat kontinwat.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 31, 261, 267, 268(d), 269(e) u 279(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li qed tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza kif dedotta fil-konfront ta’ l-imputati in kwantu alternattiva ghall-ewwel akkuza dedotta kontra taghhom u ttenni li qed issib liz-**zewg imputati** hatja ta’ l-ewwel akkuza dedotta fil-konfront taghhom, tikkundanna:

(a) Lil **Geoffrey Spiteri** ghall-perijodu ta’ sentejn (2) prigunerija, izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, fosthom il-fatt li Geoffrey Spiteri irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, hemm lok li l-imsemmi terminu ta’ sentejn (2) prigunerija jigi sospiz, ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tissosspendi t-terminu ta’ sentejn (2) pringunerija ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin b’effett millum; u

(b) Lil **Kenneth Gauci** ghall-perijodu ta’ sentejn (2) prigunerija, izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, fosthom il-fatt li Kenneth Gauci irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, hemm lok li l-imsemmi terminu ta’ sentejn prigunerija jigi sospiz, ai

termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi t-terminu ta' sentejn (2) pringunerija ghall-perijodu ta' erba' (4) snin b'effett millum.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat liz-**zewg imputati** bi kliem car ir-responsabilità taghhom taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huma jikkommettu, matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.
Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------